**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 17 ta' Jannar, 2002

**Numru 6**

**Avviz numru 1338/01JR**

**International Automobiles Limited**

**vs**

**Josette u Tony Fava**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' hames mija sebgha u tletin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm537.96), dovuti skond sitt (6) kambjalijiet li gew iffirmati minnhom u li skadew fis-6 ta' Mejju 2001, 6 ta' Gunju, 2001, 6 ta' Lulju 2001, 6 t'Awissu 2001 u 6 t'Ottubru, 2001, izda baqa' ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi interpellati, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru, 2001 kontra l-konvenuti u bl-imghax kontra l-istess konvenuti mid-data ta' kull skadenza, u li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija sebgha u tletin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm537.96), bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza tal-kambjali relattivi.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**